MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Numru. 551/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Michael Mizzi bin Paul u Mary nee Cassar u li joqghod Nru 20, Don Bosco, Triq San Pietru, Gharb, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 55661 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-22 t' Awissu 2002 ghall-habta tad-9:30am. wara li kien innotifikat b'avviz ta' l-infurzar fit-8 t' Awissu 2002 taht Artikolu 41 ta' l-istess Att., naqas milli jhares il-htigijiet ta' dak l-avviz fil-bini tad-Dwejra Dives, Triq Fungus Rock, Dwejra, San Lawrenz, Ghawdex, bi ksur ta' l-Art. 43 Sub.Art.1c ta' l-Att ta' l-1999 dwar Servizzi ta' l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta Kap. 409.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi din il-kawza si tratta dwar licenzja o meno ta’ negozju li jipprovdi servizz ghall-ghaddasa. Il-Kap 409 fl-artikolu 2 jaghti tifsira ta’ “attivita` turistika” li talvolta jehtigilha licenzja mill-Awtorita  Maltija ghat-Turizmu. Hanut ta’ l-ghaddasa mhux inkluz f’din it-tifsira u huwa pacifiku illi dak li mhux inkluz huwa direttament eskluz. F’din it-tifsira ta’ attivita` turistika hemm imnizzel ukoll “u servizzi ohra ta’ turizmu”.

Dan mhux bizzejjed biex tinkludi l-operat ta’ l-imputat bhala attivita` turistika u ghalhekk ma ssibux hati u tilliberah.

---------------------------------TMIEM---------------------------------